MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 27/2009

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu fl-erbgha (4) ta' Settembru tas-sena elf disa mija u tmienja u disghin (1998) skond certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok. A;
2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg imsemmi kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha

impossibli ghalihom li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;
3. Illi ghalhekk iz-zwieg celebrat bejn il-partijiet huwa null ghal effetti kollha tal-ligi;

Ghaldaqstant qed jitlob li din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi :

1. Tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti tal-erbgha (4) ta' Settembru tas-sena elf disa mija u tmienja u disghin (1998) huwa null u minghajr effett fil-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ngunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut C B, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi l-fatti kif dikjarati fl-ewwel paragrafu tal-premessi attrici ma humiex kontestati;
2. Illi l-fatti kif dikjarati fit-tieni paragrafu huma kontestati fis-sens illi l-kunsens ta' l-intimat ghaz-zwieg tal-partijiet kien moghti validament u ma kien bl-ebda mod vizjat. L-intimat dahal ghaz-zwieg ben konxju ta' l-obbligi u drittijiet tieghu naxxenti mill-istess u preparat sabiex jaqdi l-obbligi essenzjali tieghu naxxenti miz-zwieg, filwaqt illi jinsab ben cert illi ma kienx affett mill-ebda marda jew anomalija psikologika. Ghal dak illi qed tiddikjara r-rikorrenti fil-konfront taghha nnifisha, l-intimat jirrimetti ruhhu ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;
3. Illi dwar dak dikjarat mir-rikorrenti fit-tielet paragrafu tal-premessi, l-intimat jerga jirrimetti ruhu ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, b'dan illi sejba ta' nullita taz-zwieg m'ghandhiex tkun attribwibbli ghall-intimat u li stante li huwa kien in buona fede meta zzewweg lir-rikorrenti m'ghandhux ikun hu li jbati l-ispejjez tal-proceduri odjerni;

Ghaldaqstant l-eccipjent bil-prezenti qed iressaq is-segwenti eccezzjonijiet :

1. Illi t-talba attrici ghal dak li jirrigwarda l-kunsens ta’ l-intimat ghaz-zwieg ta’ bejn il-partijiet hija nfondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt;
2. Illi ghal dak li jirrigwarda l-kunsens tar-rikorrenti ghaz-zwieg ta’ bejn il-partijiet, l-intimat jirrimetti ruhhu ghal dak li tiddeciedi din l-Onorabbli Qorti jekk jirrizulta li z-zwieg huwa effettivament null ghar-ragunijiet imputabbli ghar-rikorrenti;
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li hija minn issa ngunta in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut C B;

Illi l-Qorti rat ix-xhieda kollha li giet prodotta, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mix-xiehda ta’ l-attrici illi meta itlaqghet mal-konvenut kellha tlieta u ghoxrin sena u il-konvenut kellu tletin sena u hargu flimkien sentejn qabel ma izzewgu. Hija xehdet illi l-konvenut kien mghaggel biex jizzewweg u diga kellu l-post lest peress illi kien gharus qabel. L-attrici xehdet illi l-konvenut kien jghir ghaliha u kien dejjem iggibha wara shabu. L-attrici kompliet tixhed illi d-dar tal-konvenut kienet vicin omm il-konvenut u ‘il boghod minn omm l-attrici. Hija kompliet tixhed illi ma setghetx tidra fejn kienet id-dar u talbitu sabiex imorru jghixu x’imkien iehor, izda l-attur kien irrifjuta. Kien jaghmel kollox kif jghid hu u mhux bi ftehim ma l-attrici. Hija xehdet illi qabel iz-zwieg kienu ftehmu illi jistennew xi sena qabel ma jippruvaw ikollhom it-tfal. Il-konvenut kien accetta, izda wara iz-zwieg ried it-tfal mal-ewwel. L-attrici kompliet tixhed illi meta bdiet toqrob id-data tat-tieg bdiet thoss illi kienet ghaglet wisq u fl-ahhar bdiet tghid ahjar ma

nizzewweg xejn, izda kien kollox programmat u baqghet ghaddejja bil-preparamenti. Hija xehdet illi izzewget kontra ir-rieda taghha u hassitha li ma kellha l-ebda kontroll fuqha innifisha. L-attrici xehdet ukoll illi matul il-quddiesa taz-zwieg il-konvenut beda jibki. Kemm qabel, kif ukoll wara iz-zwieg ma kienx ibusha. Hija kienet harget tqila wara xahar illi kienet izzewget u l-ewwel argument kbir illi kellha mal-konvenut kien peress illi hija kienet baqghet tahdem minkejja li kienet harget tqila. Il-konvenut kien sab illi t-table-mat kienet ghadha fuq il-mejda, l-attrici ma kienitx nehhietha ghaliex kienet ghadha gejja id-dar mix-xoghol u beda jerga jghajjarha ghazziena. Dakinhar il-konvenut kien qalilha li kienu ghamlu zball li izzewgu u meta marru ghand it-tabib kien staqsih jekk wahda mis-sintomi tat-tqala kienx illi persuna tibda thossha ghajjiena. Apparti minn hekk il-konvenut kien jghidilha li kien idejjaq jahdem u rieda tmur tahdem hi u hu joqghod id-dar. L-attrici kompliet tixhed illi l-konvenut kien qalilha biex tbiegh il-karozza taghha u hi hekk ghamlet, izda umbaghad lanqas kien iwassalha ghax-xoghol wara li harget tqila. Wara li twieldet it-tarbija il-konvenut kien baqa imur ta' kulljum ghand ommu u kien jirrifjuta, jew jara kif jaghmel biex ma imurx ghand omm l-attrici. L-attrici xehdet illi kienet isseparat peress illi kienet tara illi l-konvenut kien stramb u egoist. Qabel hadet dan il-pass kienet talbet lill-konvenut biex imorru ghand marriage counselor, izda il-konvenut irrifjuta ghaliex qal illi ma kellhomx problemi. Wara li beda il-process ta' separazzjoni ried imur, izda l-attrici qaltlu li kien tard wisq u li ma kienx fadal aktar tama.

Illi xehdet ukoll omm l-attrici illi ikkolloborat ix-xiehda tal-attrici anke meta l-attrici xehdet illi rat lill-konvenut jibki matul il-quddiesa tat-tieg.

Ikkunsidrat :

Illi xehed il-konvenut u qal illi ma kienx minnu illi ma kienx jiltaqa spiss mal-attrici qabel iz-zwieg u cahad ukoll illi kien jippreferi lil shabu mill-attrici. Huwa xehed illi kien ferhan illi kien ser jizzewweg peress illi kien ihobbha lill-attrici u l-gherusija taghhom kienet ferhana u mhux vera li kienu joqghodu jargumentaw. Il-konvenut xehed illi l-

problemi bdew meta il-genituri tal-attrici kienu offrewha il-possibbilita li tmur toqghod f'post illi kellhom l-Isla u ghalhekk riedet titlaq mid-dar illi kellhom il-Kappara u hu ma xtaqx jaghmel hekk ghaliex beza illi l-privacy taghhom kienet ser tispicca u omm l-attrici tkun il-hin kollu id-dar taghhom. Kien hemm zmien illi kien accetta li jiccaqlaq, izda umbaghad miet missieru u ma riedx jitbieghed minn ommu u ihalliha wahedha u dana peress illi ommu kienet toqghod vicin id-dar illi kellhom il-Kappara. Dwar il-fatt illi beka waqt il-quddiesa tat-tieg, il-konvenut qal illi dan kien minnu, izda huwa beka ghaliex kien emozjonat bil-mument daqshekk importanti taz-zwieg u li kieku kellu jerga jiehu l-istess pass illum, jerga jiehdu. Il-konvenut xehed illi l-attrici kienet tqatta wisq zmien ghand ommha. Huwa cahad illi kien ghazzien u ma riedx imur ghax-xoghol. Il-konvenut xehed illi kien jghin lill-attrici biex tiehu hsieb it-tfal. Hu kien raha ftit depressa wara li twieldet it-tifla, izda ma kien qalilha xejn. Il-konvenut xehed illi kien biss meta huwa qal lill-attrici li ma kienx bi hsiebu jitlaq mill-Kappara u imur jghix l-Isla illi l-attrici qaltlu li kienet ser titlaq mid-dar u ghamlet hekk u ftit wara bdiet il-proceduri ta' separazzjoni, u dana peress illi huwa qatt ma ried jissepara minn maghha. Il-konvenut xehed ukoll illi ghandu suspett illi l-attrici bdiet il-proceduri ghan-annulament taz-zwieg wara illi huwa kien oggezzjona illi uliedhom ikunu fil-prezenza tal-partner ta' l-attrici.

Ikkunsidrat :

Illi dak li huwa rilevanti f'kawza ghal dikjarazzjoni ta' nullita ta' zwieg huwa dak li gara qabel, izda specjalment waqt il-mument illi inghata il-kunsens ghaz-zwieg.

Illi t-talba li saret ghal dikjarazzjoni ta' nullita ta' dan iz-zwieg giet ibbazata fuq l-Artikolu 19 (1) (d) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg illi jghid illi zwieġ huwa null jekk l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi ghalhekk il-Qorti trid tezamina il-kunsens tal-partijiet fil-mument taz-zwieg.

Illi dan l-Artikolu dejjem giet interpretat illi sabiex nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju jrid ikun hemm inkapacita psitika mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku. Il-Qorti rat f’dan ir-rigward sentenza ta’ din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Isabelle Zarb vs. Stephen Attard deciza fil-21 ta’ Novembru 1995. Illi dan ma giex ippruvat mill-attrici u il-konvenut ma qabilx fix-xiehda illi ta max-xiehda illi tat l-istess attrici.
Illi in kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-Qorti tifhem illi fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u cioe’ l-obbligazzjoni dwar l-att taz-zwieg, l-obbligazzjoni ghall-komunita tal-hajja u imhabba li l-espressjoni tal-unjoni bejn mara u ragel, l-obbligazzjoni illi jircievu u irabbu t-tfal fil-kuntest tal-kommunita konjugali. Dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali iridu jezistu miz-zewg nahat, iridu jkunu permanenti u kontinwi u irrevokabbli.
Illi l-Qorti rat ukoll sentenza ta’ din il-Qorti moghtija fl-10 ta’ Settembru 1997 fil-kawza fl-ismijiet Alexandra *sive* Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia fejn il-Qorti qalet hekk :
“Kwantu ghad-difett serju ta’ diskrizzjoni ta’ gudizzju – Artikolu 19 (1) (d) – biex ikun hemm nuqqas serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju jrid ikun hemm inkapacita’ psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. Mhix ghalhekk kwistjoni ta’ nkompatibbilta’ ta’ karattru, jew ta’ decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu (d) ikompli jitkellem dwar “anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.”
Illi l-Ligi taghna tirrikjedi mhux biss illi l-anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha mpossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia li jassumihom. Illi din l-impossibilta tohrog cara anki mill-affidavit ta’ omm il-konvenuta Feliciana Spiteri.

Illi l-Qrati taghna dejjem interpretaw illi ikun hemm difett serju ta’ diskrezzjoni fis-sens ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu (d) kemm-il darba jirrizulta illi, “fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b’mod gravi minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita affettiva li hija presupposta ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Ghalhekk nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju ma iffissirx semplicement nuqqas ta’ hsieb, nuqqas ta’ riflessjoni, lanqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati.
Illi inoltre in kwantu ghal difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li tkun taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg il-Ligi taghna tirrikjedi mhux semplici diffikulta izda impossibilita li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.
Ikkunsidrat :
Illi l-Qorti tara illi mill-provi illi gew prodotti ma jirrizultawx l-estremi rikjesti mill-ligi sabiex din il-Qorti issib illi l-kunsens ta’ xi hadd mill-konjugi kien vizjat ai termini ta’ l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad it-talba attrici; Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------